MINUTI

KUNSILL LOKALI FONTANA

ID-DISA' LEĠIŻLATURA

**Laqgħa Numru 12**

**It-Tnejn, 03 ta' Marzu 2025**
Saret il-laqgħa b'Urġenża tal-Kunsill Lokali fis-Sala tal-Komunità tal-Kunsill Lokali, nhar it-Tnejn, 03 ta' Marzu 2024 fil-5:30 ta wara nofsinhar.

**PREŻENTI:**
Is-Sur Thomas Mizzi – Sindku
Is-Sinjura Ivana Mizzi – Viċi Sindku
Is-Sur Joseph Mercieca - Kunsillier
Is-Sur Carmelo Micallef – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJA:**

Is-Sur Horace Micallef – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Is-Sinjura Loretta Cauchi – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti;**
Is-Sindku s-Sur Thomas Mizzi ippresjeda l-laqgħa.

**12.1 Talba;**

12.1.1 Il-laqgħa bdiet fit-05:30 ta wara nofsinhar, bi qbil unanimu bejn il-membri intqagħlet it-talba tal-bidu.

**12.2 Qari tal-ittri t'apoloġija;**

12.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittra ta' apoloġija ta' Horace Micallef u l-membri preżenti aċċettaw l-apoloġija.

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

**12.3 Quarterly Reports Oct – Dec 2024, Annual Report and Financial Statements, Annual Budget 2025;**

12.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda tal-kamra l-*Quarterly Reports Oct-Dec 2024, l-Annual Report and Financial Statments u l-Annual Budget 2025.* Dawn ir-rapporti ġew imħejjija mill-*Accountant* is-Sur Daniel Galea. Qabel ma bdew jiġu spjegati r-rapporti, il-Viċi Sindku, Ivana Mizzi xtaqet li jitniżel fil-minuti ta din il-laqgħa li l-*Financial Statements* se jiġu sottomessi wara id-data stabilita mid-Dipartiment. Is-Sindku irrimarka li dawn ma ġewx sottomessi fid-data stabilita minħabba sitwazzjonijiet li l-kunsill ma kellux kontrol fuqhom, ir-raġuni kienet ġiet spjegata fil-laqgħa preċedenti. Is-Segretarju ikkonfermat li l-kunsill ħa il-passi neċessarji u informa lid-Dipartiment u ġie spjegat u ikkonfermat id-data il-ġdida ta meta kienu se jiġu ippreżentati ir-rapporti kollha lill-kunsill.

Il-membri preżenti kienu nfurmati minn qabel li għal din il-laqgħa kien ser ikun preżenti l-*Accountant,* biex ikun jista' jagħti spjegazzjoni detaljata ta kull dokument ippreżentat. Wara l-ispjegazzjoni saru xi mistoqsijiet u hekk kif ġew imwieġba ir-rapporti kollha ppreżentati ġew approvati unanimament minn dawk preżenti. Is-Sindku u is-Seġretarju Eżekuttive iffirmaw id-dokumenti kollha.

**12.4 Tmiem il-laqgħa;**

Il-laqgħa intemmet fil-6:38 pm.

Konfermati, llum, l-Erbgħa 09 ta' April 2025.

Thomas Mizzi
Sindku

Loretta Cauchi
Segretarju Eżekuttiv

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA